22003D0163

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 163/2003

tas-7 ta' Novembru 2003

li temenda l-Protokoll 30 li jinsab mal-Ftehim ŻEE, dwar dispożizzjonijiet speċifiċi fuq l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonimika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 30 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 99/2000 tas-27 ta' Ottubru 2000 ([1]).

(2) Il-programm statistiku ŻEE għandu jkun ibbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 2367/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-programm statistiku tal-Komunità 2003 to 2007 ([2]) u għandu jinkludi dawk l-elementi tal-programm li huma meħtieġa biex jiddeskrivu u jimmonitorjaw l-aspetti kollha relevanti ekonomiċi, soċjali u ambjentali taż-Żona Ekonomika Ewropea.

(3) Il-programm statistiku ŻEE għandu jagħti kont tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar statistika tal-Komunità ([3]).

(4) Il-Protokoll 30 tal-Ftehim għandu għalhekk ikun emendat biex jippermetti li sseħħ dik il-kooperazzjoni estiża mill-1 ta' Jannar 2003,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll 30 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

1. dan li ġej huwa mdaħħal qabel il-paragrafu 1:

"I. **Programm statistiku 1998 sal-2002**";

2. san li ġej huwa mdaħħal wara l-paragrafu 7:

"II. **Programm statistiku 2003 sal-2007**

1. Konferenza ta' rappresentanti ta'organizzazzjonijiet nazzjonali statistiċi tal-Partijiet Kontraenti, l-Uffiċċju Statistiku tal-Komunitajiet Ewropew (Eurostat) u l-Uffiċċju tal-Konsulent Statistiku tal-Istati EFTA (OSA EFTA) għandhom jiggwidaw il-kooperazzjoni statistika u jiżviluppaw programmi u proċeduri għall-kooperazzjoni statistika b'koordinazzjoni mill-qrib ma' dawk tal-Komunità u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħhom. Din il-konferenza u l-Kumitat tal-Programm Statistiku (SPC) għandhom jorganizzaw il-kompiti tagħhom għall-finijiet ta' dan il-Protokoll f'laqgħat kombinati magħrufa bħala l-Konferenza SPC/EEA skond Regoli speċifiċi ta' Proċedura li għandhom jiġu stabbiliti mill-Konferenza SPC/EEA.

([1]) ĠU L 7, tal-11.1.2001, p. 29.
([2]) ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1.

2. Il-programm statistiku tal-Komunità 2003 sal-2007 kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u d-Deċiżjoni tal-Kunsill li dwarhom hemm referenza fil-paragrafu 7 għandhom jikkostitwixxu l-qafas għall-azzjonijiet statistiċi ŻEE li għandhom jitwettqu bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2007. L-oqsma prinċipali kollha u t-temi statistiċi tal-programm statistiku tal-Komunità 2003 sal-2007 għandhom ikunu kunsidrati li huma relevanti għall-kooperazzjoni statistika ŻEE u għandhom ikun miftuħa għall-parteċipazzjoni sħiħa mill-Istati EFTA.

Mill-1 ta' Jannar 2003, programm statistiku speċifiku ŻEE ta' kull sena għandu jiġi żviluppat kull sena mill-Uffiċċju tal-Konsulent Statistiku b'konsultazzjoni mal-Kapijiet tal-Gruppi ta' Ħidmatal-Istituzzjonijiet Statistiċi nazzjonali EFTA. Il-programm statistiku EFTA ta' kull sena għandu jkun ibbażat fuq subsett ta', u f'parallel mal-programm ta' ħidma ta' kull sena elaborat mill-Kummissjoni skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu 7.

3. L-Istati EFTA għandhom, sa mill-bidu tal-kooperazzjoni li għandha x'taqsam mal-programmi u l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, jipparteċipaw bis-sħiħ mingħajr id-dritt tal-vot fil-kumitati tal-Komunitajiet u korpi oħra, li jgħinu lill-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea fl-amministrazzjoni jew l-iżvilupp ta' dawn il-programmi u azzjonijiet.

4. L-informazzjoni statistika mill-Istati EFTA għandha tiġi trasmessa mill-Istati EFTA lill-Eurostat għall-ħażna, proċessar u tixrid. Għal dan il-għan, l-OSA EFTA għandu jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati EFTA u l-Eurostat sabiex jiżgura li d-*data* mill-Istati EFTA tiġi trasmessa kif imiss u mxerrda lill-gruppi varji tal-utenti permezz tal-mezzi normali ta' tixrid bħala parti mill-istatistika ŻEE.

L-immaniġġar tal-istatistika mill-Istati EFTA għandu jiġi regolat bir-Regolament tal-Kunsill imsemmi fil-paragrafu 7.

5. Mill-1 ta' Jannar 2003, l-Istati EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament skond l-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim u r-Regolamenti Finanzjarji meħmusa miegħu ammont li jirrappresenta 75 fil-mija tal-ammont muri fl-intestaturi tal-baġit B5-6 0 0 A u B5-6 0 0 B jew artikolu li jissostitwih (politika dwar informazzjoni statistika) imdaħħla fil-baġit tal-Komunità.

L-Istati EFTA għandhom iħallsu n-nefqiet addizzjonali magħmula mill-Eurostat għall-ħażna, pproċessar u tixrid tad-*data*mill-pajjiżi tagħhom skond il-Memorandum relevanti ta' Ftehim bejn is-Segretarjat EFTA u l-Eurostat li jikkonċerna l-kontribuzzjoni EFTa relatata ma' dan il-paragrafu.

L-Istati EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-ispejjeż ġenerali tal-Komunità minbarra dawk magħmula għall-ħażna, tixrid jew ipproċessar ta' *data*skond l-Artikolu 82(1)(b) tal-Ftehim.

6. Rapport li jistma jekk il-miri, prijoritajiet u azzjonijiet ippjanati matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2007 ikunux inkisbu, għandu jintgħamel u jintbagħat lill-konferenza SPC/EEA li dwarha hemm referenza fil-paragrafu 1 u lill-Kumitat Konġunt ŻEE.

7. L-atti li ġejjin tal-Komunità huma l-għan ta' dan il-Protokoll:

– **397 R 0322**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar Statistika tal-Komunità (ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1),

– **32002 D 2367**: Id-Deċiżjoni Nru 2367/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-programm statistiku tal-Komunità 2003 sal-2007 (ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 1)."

Artikolu 2

Il-lista ta' kumitati miftiehma mill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim u li tinsab fil-Minuta Miftiehma tal-Protokoll 30 tan-negozjati għall-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, il-Komunità Ewropea dwar il-Faħam u l-Azzar u l-Istati Membri tagħhom u l-Istati EFTA dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-parteċipazzjoni mill-Istati EFTA f'xi kumitat jew korp ieħor tal-Komunità skond il-paragrafu 3 tal-Protokoll 30 kif emendat b'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum li jiġi wara l-aħħar notifikazzjoni lill-Kumitat Konġunt ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Huwa għandu tgħodd mill-1 ta' Jannar 2003.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN

(*) Ħtiġiet kostituzzjonali indikati.